

**Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Mejju 2018 – Transtec vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-228/18 R)**

*("Proċeduri għal miżuri provviżorji — Kuntratti pubbliċi — Kuntratt qafas ta' provvista ta' servizzi lill-pajjiżi terzi li jibbenefikaw mill-ghajjnuna esterna tal-Unjoni — Talba għal miżuri provviżorji — Nuqqas ta' urġenza")*

(2018/C 249/44)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Transtec (Brussell, il-Belġu) (rappreżentanti: L. Levi u N. Flandin, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Aresu u J. Estrada de Solà, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża, minn naħa, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Marzu 2018 li tiċħad l-offerta tar-rikorrenti u li tagħti lil għaxar offerenti l-kuntratt marbut mal-lott Nru 3 tal-kuntratt “kuntratt qafas dwar l-implementazzjoni tal-ghajjnuna esterna 2018 (FWC SIEA 2018) 2017/S 128-260026”, bir-referenza EuropeAid/138778/DH/SER/Multi u, min-naħħa l-oħra, sabiex il-Kummissjoni tiġi ordnata tinkludi lir-rikorrenti, b'mod provviżorju, fost lofferenti magħżula.

**Dispożittiv**

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' April 2018 – Klymenko vs Il-Kunsill****(Kawża T-274/18)**

(2018/C 249/45)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Oleksandr Viktorovych Klymenko (Moska, ir-Russja) (rappreżentant: M. Phelippeau, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġogħobha:

- tiddikjara li r-rikors ta' Oleksandr Viktorovych Klymenko huwa ammissibbli;
- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2018/333 tal-5 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ġerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna;
- tannulla r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/326 tal-5 ta' Marzu 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ġerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna;

- tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż b'applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 91 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka ġumes motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq motivazzjoni insuffiċjenti tal-atti kkontestati.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal rimedju effettiv iggarantiti permezz tal-prinċipi fundamentali tad-dritt Ewropew, b'mod partikolari l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentalni.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq nuqqas ta' bażi legali sa fejn l-Artikolu 29 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea ma jistax ikun il-bażi legali tal-miżura restrittiva meħħuda kontra O. V. Klymenko.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-eżistenza ta' żball ta' liġi, sa fejn O. V. Klymenko jgħib provi li juru l-assenza ta' bażi fattwali suffiċjenti sabiex jitressqu kwalunkwe proċeduri kriminali.
5. Il-ġumes motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt fundamentali għar-rispett tal-proprietà, prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni protett permezz tal-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u permezz tal-Artikolu 1 tal-Protokoll Addizzjonali Nru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentalni.

---

### **Rikors ippreżentat fit-3 ta' Mejju 2018 – Arbuzov vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-284/18)**

**(2018/C 249/46)**

*Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek*

### **Partijiet**

Rikorrent: Sergej Arbuzov (Kiev, l-Ukraina) (rappreżentant: M. Mleziva, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### **Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġogħobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/333 tal-5 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna, sa fejn tikkonċerna lil Sergej Arbuzov.
- tiddikjara li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbatis l-ispejjeż tiegħu stess u tikkundannah għall-ispejjeż sostnuti minn Sergej Arbuzov.